MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 2/2014

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell numru: 02/2014**

**MONICA CINI**

**Vs**

**AUTOTECHNICS LTD (C52460);**

**CARMELO CACHIA (ID214754(M))**

**PETER MARK CACHIA ID19080(M))**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunzjata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur moghtija fit-18 ta' Frar 2014 fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' April, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' hames mija u hamsa u hamsin ewro (€555.00), u mija u hamsin ewro (€150) ghall-petrol rapprezentanti diversi hsarat wara li hadet il-karozza ghat-tiswija*

*Is-socjeta` ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u x-xhieda tas-socjeta` ntimata li huma rapprezentanti tas-socjeta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz;*

***Ikkonsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrent issottomettiet bil-miktub illi hija kienet hadet il-karozza taghha ghand il-mekkanik ghax kellha l-engine light taghha tixghel. Illi mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti hadet il-karozza ghat-tiswija u li kien hemm bzonn kienet problema f'tas-sensors. Irrizulta wkoll illi l-intimat biddel is-sensors billi xtara tad-ditta Bosch u mhux tal-Honda, pero kellu jaqta` l-wires tas-sensors originali. Meta fil-fatt hadithom ghand tal-Honda, irrizulta li eventwalment il-Honda rrangat is-sitwazzjoni u l-vettura ssewwiet ghal dejjem*

***It-Tribunal jinnota illi:-***

*It-Tribunal, huwa konfrontat bit-tezi tal-intimat fejn qal illi l-attrici giet lura malajr ghall-karozza u nehha s-sensors mill-vettura ghax kellu bzonn ikompli x-xoghol. It-Tribunal, pero` mill-provi, jikkonkludi illi huwa minnu li s-sensors li kienu nxtraw mill-konvenut kienu tad-ditta Bosch li bil-konsegwenza taghhom kellhom jaqtghu ukoll il-wires u konfrontat bix-xhieda ta' Pierre Carabott f'dan is-sens.*

*It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet u sema' l-provi kollha, huwa konvint illi l-intimat ghandu t-tort ghax xtara s-sensors tad-ditta Bosch li kienu ta' kwalita` inferjuri, u kellu jaqta' l-wires u li meta r-rikorrenti haditha ghand tad-ditta Honda, dawn ittrangaw u fil-fatt il-bozza ma baqghetx tixghel.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, qed jilqa' it-talba tar-rikorrenti limitatament, u jordna lis-socjeta` ntimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' hames mija u tlieta w hamsin ewro, u ghoxrin centezmu (€553.20), u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` intimata."*

Minn din is-sentenza s-socjeta intimata Autotechnics Limited ħassitha aggravata u interponiet l-preżenti appell fejn ilmentat minn nuqqas ta' osservanza tal-principji tal-gustizzja naturali u senjatament tal-principju tal-*audi alteram partem* fil-konfront taghha u dana meta tallega illi t-Tribunal ma ipprestax attenzjoni adegwata ghall-merti tal-kaz, kif ukoll illi l-ezercizzju tal-poter diskrezzjonali tat-Tribunal kien ghal kollox nieqes mir-raguni, li wasslu finalment ghal konkluzjoni illogika.

Dan il-gravam ghalhekk huwa imressaq mis-socjeta appellanti abbazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 22(c) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex l-ammont reklamat fit-talba attrici huwa wiehed inferjuri ghal €1200 u kwindi appell ma huwiex moghti fil-mertu. Illi l-appellata bi twegiba ghal dina l-lanjanza, tressaq 'il quddiem il-pregudizzjali dwar in-nullita ta' dan l-appell billi ma jinkwadrax ruhu fid-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 22(2)(c) tal-Kapitolu 378 li jiddisponi:

**"(2) Appell jista' jsir fil-każijiet li ġejjin:**

**(ċ) meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.**

Dan ghaliex tishaq, illi l-impunjattiva appellanti ma hijiex hlief kritika lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal taht it-travestiment ta' allegata lezjoni tal-dritt ghal smigh xieraq.

**".... hi kodici ta' procedura korretta u ta' "fair hearing"; Essenzjalment, fin-natura multiforma taghha din ta' l-ahhar tassumi dawn l-aspetti:-**

**(1) Id-dover li tinghata lill-partijiet fil-kawza l-opportunita` ragonevoli li jressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijet taghhom;**

**(2) Id-dritt li s-setgha diskrezzjonali, affidata lil kull qorti jew tribunal, tkun ezercitata in relazzjoni ghall-materja ezaminata u ma tkun awtomatikament imxekkla minn ebda prekoncetti jew affetta minn "bias";**

**(3) Id-dritt li d-decizjoni tkun bazata fuq stharrig probatorju logiku u b' motivazzjoni sobrija li tindika r-ragunijiet ghaliex t-talba jew l-eccezzjonijiet ghaliha jkunu qed jigu milqugha jew michuda. Fi kliem iehor, il-process ghandu jipproduci dik id-decizjoni akkurata li tirrifletti l-verifiki korretti ta' fatt u l-applikazzjoni tal-ligi. Ikollu jinghad bi qbil ma' l-awtur McLaughlin ("The Roles of Administrative Tribunals and Courts in Maintaining the Rule of Law", pagna 187), "*only if decisions can be defended rationally with reasons or some imprint of rationality can the Rule of Law survive*";**

**Jikkonsegwi minn dak premess illi d-decizjoni tista' tkun soggetta b' success ghal revizjoni jekk jinstab illi t-Tribunal ma jkunx ippresta attenzjoni adegwata lill-meriti tal-kaz, jew fejn l-ezercizzju tal-poter diskrezzjonali jkun ghal kollox nieqes minn raguni jew meta l-konkluzjoni ultimament raggunta tirrizulta illogika[1].**

Stabbilti ghalhekk dawn il-massimi legali din il-Qorti ma tarax illi fil-kaz in diazmina kien hemm xi ksur ta' dawn il-principji ukoll imhaddna fil-Kostituzzjoni taghna. Dan ghaliex ma hemmx dubbju illi l-aggravvju imressaq mis-socjeta appellanti jikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmula mit-Tribunal, haga li ma taqax fil-manzjonijiet ta' dina il-Qorti ta' revizjoni sabiex tissindika.

Illi minn qari tad-decizjoni impunjata huwa evidenti illi t-Tribunal ghamel apprezzament tal-provi li kellu quddiemu ghalkemm b'mod skematiku. Wasal ghal konkluzjoni illi l-hsara rizultanti fil-vettura ta'l-appellata kienet konsegwenza tax-xoghol hazin li sar minn-naha tas-socjeta appellanti u dan meta is-*sensors* li kienu ser jitwahhlu fil-vettura kif ordnat kienu ta' ditta ohra li kienu ta' kwalita inferjuri u mhux l-istess bhal dik tal-marka tal-vettura tal-appellata u meta dawn inqalghu inqata' il-*wiring* u inqalghu is-*sockets* originali li ma inghatawx lura lill-appellata mis-socjeta appellanti. Jidher illi sabiex wasal

[1] Mary Zarb vs Emma Azzopardi noe. App.Inf 13/2006 deciza 28/03/2007

ghal din l-konkluzjoni it-Tribunal xtarr il-verzjoni moghtija miz-zewg partijiet ghaliex dina tinsab riprodotta anke jekk fil-qosor fil-motivazzjonijiet.

Illi din il-Qorti ghalhekk hija prekluza milli tissindika dan l-apprezzament, ghalkemm huwa dan illi s-socjeta appellanti qieghda tippretendi li isir u dan taht il-pretest illi kien hemm il-ksur tal-principju tal-*audi alteram partem*. Illi ma hemmx dubbju illi s-socjeta appellanti inghatat l-opportunita kollha li tressaq il-provi taghha u iggib ‘il quddiem a konjizzjoni tat-Tribunal tal-verzjoni tal-fatti taghha. Tant hu hekk illi sahansitra saru sottomissjonijiet bil-miktub miz-zewg nahat sabiex it-Tribunal kellu stampa cara taz-zewg verzjonijiet tal-kontendenti. Illi fid-decizjoni tieghu huwa evidenti illi t-Tribunal qies ic-cirkostanzi tal-kaz u wasal ghal konkluzjoni illi il-hsara fil-vettura tal-appellata in konnessjoni max-xoghol fuq is-*sensors* kien dovut ghal xoghol hazin li sar mis-socjeta appellanti. Illi l-lanjanzi imressqa mis-socjeta appellanti huma unikament diretti lejn apprezzament tal-provi u dawk il-fatti li qieset li t-Tribunal skarta fir-*ratio decidendi* tieghu. Gravam li ma jistax jigi moghti fit-tieni istanza minn decizjoni tat-Tribunal, u li ghalhekk ma jista’ qatt jigi ikkunsidrat minn din il-Qorti ta’ revizjoni. Illi dwar il-mod kif it-Tribunal ghandu jimmotiva id-decizjonijiet tieghu inghad li:

**“t-twegiba ghalih tinghata mill-Artikolu 23 (2)(d) ta’ l-istess Att XXVIII ta’ l-1994 li jippreciza illi l-arbitru “ma ghandux joqghod jaghti motivi imtawwlin dwar kif ikun wasal ghad-decizjonijiet tieghu, izda jkun bizzejjed li jelenka d-dettalji ewlenin li jkun sejjes id-decizjoni tieghu fuqhom”. Minn dan huwa desumibbli illi l-legislatur ma riedx ikopri lit-Tribunal b’dik is-sagramentalita` li l-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili jirrizerva ghal kazijiet partikolari, u li ghalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta’ dan il-Kodici. Ghalhekk mhux motiv ta’ nullita` tas-sentenza il-fatt li dik is-sentenza ma jkunx fiha l-motivazzjonijiet li ddeterminaw id-decizjoni tat-Tribunal kif hemm preskritt fl-Artikolu 218 tal-Kap 12.[2]”**

[2] App.Inf. Anthony Friggieri vs Neville Borg – 20.10.2003

**"It-Tribunal ghamel l-apprezzament tieghu, u tajjeb jew hazin, din il-Qorti ma tistax tissindakah hlief jekk jirrizultalha li, effettivament, kienet saret it-tip ta' vjolazzjoni ta' principji ta' gustizzja naturali li ghalihom tirreferi l-ligi"**[3].

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba l-appell tas-socjeta appellanti qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta appellanti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] "Johann Camilleri –vs- Ronald A. Cachia Phoenicia Laundry and Dry Cleaning", Appell, 27 ta' Mejju 1999